Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 20/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **L-Erbgħa 17 ta' Awwissu 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:** Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*
Nicholas Seychell- *Kunsillier*
Tyrone Muscat- *Kunsillier*
Ivan Bartolo- *Kunsillier*

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

**Skużati:** Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ*

**Assenti:**

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.19 ġew approvati *nem com.*

2. **Punti imqajma mill-Minuti**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kif mitlub minnu fl-aħħar laqgħa kien ippreżenta ittra lil kuntrattur tal-latrini dwar l-istat tagħhom.

3. **Korrispondenza**

3.1. Ittra mingħand l-impjegata Josephine Camilleri sabiex il-Kunsill japprova illi l-impjegati Keith Parnis u l-istess Josephine Camilleri jittellaw *notch* fil-paga skond kif nnotat fil-ftehim kollettiv tal-impjegati klerikali tal-Kunsilli Lokali. Il-membri approvaw.

*Il-Kunsillier Bartolo daħal issa*

3.2. Ittra mingħand is-St. Paul *Chamber Ensemble* sabiex il-Kunsill Lokali Paola jorganizza kunċert fi żmien il-Milied b'kollaborazzjoni magħhom u isir fil-Knisja Kristu Re. Il-membri approvaw li tittella' din l-attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali għas-somma ta' €1,000.

3.3. Stedina għal-laqgħa teknika marbuta ma' proġett Ewropew ġdid bejn l-imsieħba li kienu fil-proġett At Fort. Il-Viċi Sindku Steven Axisa ippropona li nattendu għal din il-laqgħa teknika b'delegazzjoni ta' żewġ persuni. Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm proġetti pendenti oħrajn anke mal-pajjiż *Isle Of Man* fejn żied illi ma jkun qed jara xejn ħażin jekk dan il-ġemellaġġ jista' jwassal għall-opportunitajiet ekonomiċi u ta' kummerċ ma' pajjiżna. Il-Viċi Sindku kompla li il-ħsieb tal-Kunsill għandu dejjem ikun li isir ġemellaġġ marbuta mal-kultura u l-istorja etc. Is-Sindku qal li l-aħjar li huwa jiltaqa' mal-konsulent tal-Kunsill Dr. Malcolm Borg qabel li jitmexxew dawn il-proġetti.

## 4. Ġieħ Paola 2016

4.1. Wara li evalwaw in-nominazzjonijiet marbuta ma' Ġieħ Paola 2016 il-membri qablu illi jingħataw dawn ir-rikonoxximenti:

4.1.1. **Rikonoxximenti mill-Kunsill Lokali Paola**

- Lil Aaron Busuttil fl-okkażjoni tas-suċċessi miksuba fil-logħba tal-Snooker.
- Lil George Marshall bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu fiċ-Ċentru Laburista ta' Paola għall-bosta snin.
- Lil Ernest Micallef bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu fil-Parroċċa ta' Lourdes tul dawn l-aħħar tnejn u erbgħin sena.
- Lil Għaqda Nar u Armar Parroċċa Madonna ta' Lourdes Paola bħala apprezzament għall-ħidma tal-membri fil-Parroċċa ta' Lourdes Paola.
- Lil Saviour Busuttil u Lucia Agius bħala apprezzament għall-ħidma tagħhom fil-lokalita fil-qasam fotografiku.
- Lil W.R. Kanonku Dun Marc Andre` Camilleri fl-okkażjoni tal-ftehim storiku milħuq mas-Soċjeta Filarmonika G.M. Fra Antoine De Paule Banda Kristu Re u l-Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan Banda Paola f'April 2016.
- Lis-Soċjeta Filarmonika G.M. Fra Antoine De Paule Banda Kristu Re fl-okkażjoni tal-għotja tal-vara ta' Kristu Re lil Parroċċa Kristu Re Paola bħala l-vara titulari.
- Lil Għaqda Soċjali Mużikali Kristu Sultan Banda Paola fl-okkażjoni tar-rikonoxximent tal-istess Għaqda mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.

4.1.2. **Ġieħ Paola 2016**

- Tim Kristu Re (Titular ġdid-Parroċċa Kristu Re) Ko-ordinatur Martin Grima, l-Artisti Chev. Alfred Camilleri Cauchi u Aaron Camilleri Cauchi, l-Induratur Horace Farrugia u l-Arġentier Anthony Bonnici.

## 5. Vandaliżmu fil-lokalita

5.1. Is-Sindku qal li dan l-aħħar il-vandaliżmu fil-lokalita żdied b'mod speċjali fl-akwati tal-bini tal-Kunsill u Ġnien Pawlu Boffa fejn fost l-oħrajn anke tkissru tlett twieqi tal-bini tal-Kunsill. Huwa kompla illi fid-dawl ta' dan qed issir prova b'kamera ġdida sabiex naraw kif din tista' tkun ta' aktar benefiċċju għall-Kunsill. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Seychell, is-Sindku żied illi bħalissa qed isiru diskussjonijiet mal-GreenPak sabiex anke huma jintroduċu kameras ġodda f'akwati fejn qed ikun hemm problemi relatati mal-ambjent. Is-Sindku informa lil membri illi huwa għamel laqgħa mal-Spettur tal-Pulizija sabiex issir aktar sorveljanza fil-Ġnien Pawlu Boffa.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi huwa kien qed jagħmel laqgħat ma' uffiċjali mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex isir xogħol mill-istess Ministeru fuq iz-Zuntier tal-Knisja ta' St. Antnin fid-dawl tal-ħsarat illi huwa għandu.

6.2. Is-Sindku qal ukoll illi huwa kellu laqgħat b'rabta mal-proġetti pjanati għall-Ġnien Dom Mintoff kif ukoll il-kumpless Sportiv f'Telgħet Raħal Ġdid qrib il-Paola Wolves sabiex jinstabu metodi kif il-Gvern Ċentrali jista' jassisti f'dawn il-proġetti. Is-Sindku qal li ser ikompli jinforma lil membri bir-riżultati ta' dawn il-laqgħat.

6.3. Is-Sindku informa lil membri wkoll illi tkompla ix-xogħol fuq iċ-ċentru tal-Anzjanità Attiva li qed isir fil-Kunsill fejn qal li qed jitlesta il-programm tas-sena li ġejja. Il-Kunsillier Ivan Bartolo xtaq ifakkar u jħeġġeġ lil Kunsill biex ikompli jaħdem fuq it-tneħħija tal-monument tal-fliexken tal-plastik li sar fil-Bandli.

## 7. <u>Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti</u>

7.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta’ Pagamenti Nru. 20 għas-somma ta’ €25,991.67.

## 8. <u>Aġġornament</u>

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:20pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 ta’ Settembru 2016.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |

**Data**: 20 ta’ Settembru 2016